# IL-LAMPIER LI MA NTEFIEX

**Is-Santwarju tal-Madonna tal-Għar fir-Rabat minn dejjem ġibed lejh pellegrinaġġi kbar, iżda żdiedu bil-kbir meta saret l-inkurunazzjoni tal-Madonna. L-ewwel ma nsibu miktub hu li fl-1630, fl-għar, Fra Pawl Muscat sab it-tazza tal-lampier li kien hemm, għadha mimlija biż-żejt wara li kienet ilha tixgħel għal erbat ijiem sħaħ. L-għar kien magħluq u ċ-ċavetta kienet għand l-imsemmi Muscat. Jumejn wara, il-qaddejja ta' Marietta Cassar għamlet ftit żejt tal-lampier fuq idejn u riġlejn binha; ċertu Ġwanni Marija Galea, li kellu 18-il xahar u kien twieled paralizzat. B'għaġeb ta' kulħadd, it-tifel fieq minnufih. Hekk bdiet id-devozzjoni taż-żejt tal-Madonna tal-Għar. Dan hu tagħrif miġjub bl-għajnuna ta' Patri Mikiel Fsadni.**



Minn **CHARLES B. SPITERI**

Grazzja oħra reġistrata mill-istoriku F.M. Azzoppardo hi dik li qala' Tumas ta' Gioannello, minn Bormla. Dan, f'madwar l-1640, kif kien tiela' fuq ix-xini għax-xogħol, f'salt wieħed, bil-qilla tar-riħ marru s-sarsi, tkissret l-antenna u waqgħet fuq rasu. Kulħadd ħaseb li Tumas baqa' mejjet b'daqqa bħal dik. Iżda kif lemaħ l-antenna mkissra u nieżla fuqu, talab lill-Madonna tal-Għar; indarab biss ħafif u fieq fi ftit jiem.

Tumas ta' Gioannello kien devot ħafna tal-Madonna tal-Għar. Qabel, kien tela' bosta drabi jżur is-Santwarju tagħha fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat. Wara l-inċident li kien għadda minnu, reġa' mar għal żjara fis-Santwarju u bid-dmugħ f'għajnejh stqarr il-grazzja li kiseb bl-interċessjoni tagħha waqt li ħalla 'tabella bħala tifkira, li aktarx kienet pittura eks voto.

Insibu wkoll li meta d-Dumnikani tar-Rabat bnew l-ewwel knisja kbira, ħasbu biex iqiegħdu l-għar devot tal-Madonna fil-bidu tal-istess knisja, bħala post l-aktar prominenti. Kull min xtaq, seta' jinżel b'taraġ ħalli jżur, jitlob u jrodd ħajr lill-Madonna tal-Għar.

Il-ħitan tal-għar kienu mżejnin b'bosta pitturi sbieħ u d-daħla tiegħu, kienet imsebbħa b'żewġ kolonni tal-ġebel bi blata tal-irħam fuqhom, li kienet minquxa b'ordni. Ġann Franġisk Abela jikteb li din kienet fdal ta' xi tempju Ruman.

### Jiċċekken l-għar

L-għar tal-Madonna kien akbar milli jidher illum. Iċċekken bil-pedamenti tal-antiporta tal-knisja u bis-seba' oqbra li saru wara l-faċċata tal-artal li hemm fl-għar. Skont l-istess Ġ.F. Abela, fid-*Descrittione di Malta*, kiteb li fil-qedem, l-għar kien jinfed mal-Katakombi jew Ċimiterju ta' Santa Marija tal-Għar.

Tabilħaqq, meta tħaffru l-pedamenti għall-bini li hemm f'Misraħ San Duminku u fit-triqat tal-qrib, instabu bosta oqbra, b'ħafna fuħħar fihom. Parti minn dan il-fuħħar jinsab fl-istudentat tad-Dumnikani tar-Rabat.

Għall-bidu tas-seklu 17, id-Dumnikani bidlu x-xbieha tal-Madonna li kien hemm fl-għar u minflokha qiegħdu oħra tal-irħam alabastru, maħduma fuq stil Sansovino. Iżda din ma damitx wisq ma tbiddlet ukoll. Madwar 100 sena wara, tqiegħdet xbieha oħra minquxa fuq il-ġebla ta' Malta mill-iskultur Pawlu Zahra. Din irnexxiet ħafna, iżda l-Maltin baqgħu jqimu wkoll ix-xbieha tal-irħam: għall-ewwel fuq l-artal tal-kappella ta' Santa Katerina ta' Siena u wara fuq l-artal tal-kor, fejn baqgħet sal-1886, meta reġgħet tniżżlet fl-għar. Ix-xbieha tal-Madonna maħduma minn Pawlu Zahra lanqas ma twarrbet, iżda tqiegħdet fil-kappella li kienet għadha kemm tlestiet fid-dormitorju ġdid tan-novizzjat.

### Tibdil u tiżjin

Meta fil-bidu tas-seklu 18, id-Dumnikani tar-Rabat qabbdu lill-imgħallem Salvu Borg biex jibni l-frontispizju tal-knisja tagħhom mill-ġdid, riduh jagħti sura aħjar lit-taraġ tal-għar. Fil-fatt, tneħħa dak li kien hemm u minfloku saru żewġ turġien, wieħed fil-lemin u l-ieħor fix-xellug tal-bieb ewlieni tal-knisja. Aktarx li f'dan iż-żmien ukoll, il-patrijiet fetħu l-bokkatura ovali li hemm fis-saqaf tal-għar, li tagħti għall-knisja. Din ingħalqet bi sprall tal-ħadid iddisinjat u ddawret b'kanċell tal-bronż. Barra milli swiet bħala ventilatur għall-umdità tal-għar, il-bokkatura bdiet tkun ta' okkażjoni biex dawk li jkunu deħlin u ħerġin mill-knisja, jaraw u jsellmu lill-Madonna.

Fi tmiem is-seklu 19 u l-ewwel snin tas-seklu 20, l-għar kiseb l-aħħar għamla tiegħu, barra mid-dekorazzjoni tas-saqaf. Ix-xogħol inbeda minn Patri Piju D'Amato, li ħabrek biex il-faċċata tal-għar, l-artal bil-prospettiva tiegħu, kif ukoll l-art, jinksew bl-irħam. Imbagħad Patri Beneditt Bonnici ssokta jiksi bl-irħam l-għar kollu kemm hu u ħabrek kemm felaħ biex iżejnu b'seba' medaljuni intarsjati bi rħam ikkulurit li jfakkru, minbarra wieħed, il-ġrajja tal-għar.

Fl-istess żmien ukoll, inħadmu minn irħam abjad, żewġ anġli adoraturi b'torċa f'idejhom. Dawn tqiegħdu fuq żewġ pilastri tal-irħam abjad ta' Carrara. L-għar iżżejjen ukoll b'gastri jew kolonni tal-irħam alabastrino ta' Trani, b'važuni kbar skolpiti tassew tajjeb mill-istess irħam.

Fl-aħħar nett, bħala tħejjija għall-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Għar, Patri Ambroġ Darmanin ħabrek biex iżejjen il-volta tal-għar. Din ġiet dekorata b'ornamenti ta' stukki, induratura u kuluritura fl-arkati, fil-mitri u taħt il-bokkatura ovali. Dan ix-xogħol irnexxa tassew għax ġie jaqbel ferm mat-tiżjin tal-għar.

### Is-Santwarju kif inhu llum

Kif wieħed jidħol fil-knisja, bla ma jrid, għajnejh imorru lejn l-apertura ovali mdawra bil-kanċell tal-bronż. Minn hemm jidhru l-artal u x-xbieha devota tal-Madonna tal-Għar. Iddawl madwar din ix-xbieha u t-tnemnim tax-xama' jixgħel quddiemha, joħolqu kuntrast kbir f'dik id-dalma tal-għar, li jiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd. Ħafna jitħajru jinżlu fl-għar biex jaraw sew dan is-Santwarju devot. Kif semmejt diġà hemm turġien fiż-żewġ naħat tal-bieb ewlieni tal-knisja. Fil-bidu ta' kull taraġ hemm kitba minquxa fl-irħam: dik tat-taraġ tan-naħa tax-xellug tfakkar fl-għotja tal-privileġġi u l-grazzji li bihom is-Santwarju ġie mogħni bis-saħħa tal-affiljazzjoni tiegħu mal-Knisja-Bażilika ta' S. Maria Maggiore. Il-kitba li hemm fit-taraġ l-ieħor tfakkar fil-privileġġ li bih is-saċerdoti kollha, *kull nhar ta' Sibt, jistgħu jiċċelebraw fil-għar, il-quddiesa votiva tal-Madonna.*

Dawn iż-żewġ turġien, għamla ta' S, għandhom is-saqaf nofs tond skolpit tajjeb fuq il-ġebel u huma miksijin bi rħam abjad u b'zokklatura griża. Fil-faċċata tal-ħajt ta' qabel l-aħħar liwja ta' kull taraġ hemm medaljun ovali. Wieħed ifakkar il-grazzja li Tumas ta' Gioannello, minn Bormla kien qala' bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Għar u l-ieħor jirrappreżenta l-ħruq tal-knisja mit-Torok wara t-telfa li ġarrbu meta ħabtu għall-Imdina fl-1551. Dawn huma magħmulin minn irħam intarsjat.

Kif wieħed jinżel fis-Santwarju, ħarstu tmur mill-ewwel fuq ix-xbieha devota tal-Madonna, kollha ħlewwa u ħniena, tħaddan lil binha Ġesù. Ix-xbieha hi ingastata fil-ħajt,

**"Id-devoti bdew jattendu minn kull raħal u belt biex iżuru s-Santwarju u jroddu ħajr lill-Madonna għall-grazzja li tathom, li jaraw l-inkurunazzjoni tagħha. Minn dakinhar bdew ikunu organizzati bosta pellegrinaġġi**

sewwasew f'nofs il-prospettiva tal-artal waħdieni li hemm fis-Santwarju, u mdawra bi gwarniċa skolpita minn irħam isfar ta' Siena. Taħtha hemm kitba mnaqqxa fl-irħam: "Ersqu lejja intom ilkoll li tixtiquni, għax l-ispirtu tiegħi hu aqwa mill-għasel ħelu".

**Irħam b'diversi lwien**

L-artal hu mdaqqas għaċċokon tas-Santwarju u hu miksi bi rħam ta' diversi lwien. Fil-quċċata tal-faċċata tas-Santwarju, mad-dawra tal-volta, hemm il-kitba: "Jiena nħobb lil dawk li jħobbuni u nimla t-teżori tagħhom". Mad-dawra wkoll tal-volta, fuq naħa hemm il-kitba: "Min isib lili jsib il-ħajja", u fuq in-naħa l-oħra hemm: "U jikseb is-Salvazzjoni mingħand il-Mulej".

L-għar hu miksi kollu kemm hu bi rħam abjad u għandu zokklatura tal-irħam iswed portoro. Iżejnu l-ħitan hemm xi wħud mill-weghdiet tal-fidda li d-devoti taw b'radd ta' ħajr għall-grazzji li qalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna, kif ukoll ħames medaljuni artistiċi intarsjati fl-irħam. Wieħed minn dawn il-medaljuni jirrappreżenta lil Sant'Anna u lil San Ġwakkin bil-Madonna ħdejhom. L-erbgħa l-oħra huma dwar il-ġrajja tal-għar.

Għalhekk insibu d-dehra tal-Madonna lill-kaċċatur; it-tberik tal-għar mill-Isqof ta' żmien id-dehra; l-għoti tal-għar lil Patri Pietru Zurki u lil sħabu; l-affiljazzjoni tal-għar, għall-indulġenzi, mal-Bażilika ta' S. Maria Maggiore, f'Ruma. Il-medaljuni kollha nħadmu bl-akbar għaqal tal-arti mill-imgħallem Ġwanni Darmanin.

**Il-qima lejn il-Madonna tal-Għar**

Sa minn qabel ma d-Dumnikani waqqfu l-Ordni tagħhom f'Malta, il-qima lejn l-għar kienet diġà mxerrda fost il-Maltin, peress li kif jingħad, il-Madonna kienet dehret lil kaċċatur.

Din il-qima ssuktat tinfirex bit-tħabrik tal-patrijiet imsemmija, li bidlu l-għar f'kappella, u aktar tard iddedikaw il-knisja kbira li bnew lill-Madonna tal-Għar u qiegħdu l-għar fl-aktar post prominenti tal-istess knisja. L-akbar xhieda ta' din il-qima lejn il-Madonna, tul is-seklu 15, huma l-għotjiet u l-legati li bosta devoti taw lid-Dumnikani biex dawn setgħu jibnu knisja kbira u kunvent xieraq iddedikati lill-Madonna tal-Għar.

Fil-ktieb *Descrittione di Malta*, f'nofs is-seklu 17, Ġann Franġisk Abela stqarr: "Il-kripta msejħa ta' Santa Marija tal-Għar kienet dejjem miżmuma b'devozzjoni u b'qima kbira mill-antiki: hekk ukoll għadha mħarsa sa dan il-jum u hekk tibqa'."

Il-festa tal-Madonna tal-Għar bdiet tkun iċċelebrata mill-patrijiet Dumnikani fil-5 ta' Awwissu, nhar il-festa tal-Madonna tas-Silġ.

Għat-tixrid tal-qima lejn il-Madonna, kull nhar ta' Erbgħa, fil-għar kienet issir quddiesa kantata bil-prietka, u kull nhar ta' Sibt, il-patrijiet kienu jinżlu fl-għar biex ikantaw l-antifona Inviolata quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Fil-kronaka tal-kunvent, l-istoriku F.M. Azzoppardo kiteb li dawn il-funzjonijiet kienu jsiru "b'qima u b'konkorrenza l-aktar kbira."

**Il-ġiranju li baqa' frisk**

Il-qima tal-Maltin lejn il-Madonna tal-Għar baqgħet dejjem sħiħa, iżda nfirxet u tkattret bil-bosta fosthom wara l-ġrajja mhux komuni meta fjur tal-ġiranju mqiegħed fuq ix-xbieha li kien hemm fil-għar, baqa' frisk għal madwar xahar.

Qabel ma tbiel, kienu bosta li marru jarawh: kanonċi, nisa, għonja u foqra, mill-irħula u l-ibliet. KullĦadd baqa' miblugħ, għax kienu jafu li fjuri oħra, tal-ġiranju u ta' speċi oħrajn tbielu u mietu malajr wara li tqiegħdu fl-għar. Dan il-fatt seħħ fi dħul is-sajf tal-1880 u tniżżel fil-kronaka tal-kunvent mill-majjistru Patri Lawrenz Caruana, kif semgħu mingħand bosta reliġjużi tal-komunità Dumnikana tar-Rabat, partikolarment mingħand il-Pirjol Patri Vinċenz Borg.

Minn dik il-ġrajja żdied sew l-għadd ta' Maltin li bdew iżuru s-Santwarju tal-Madonna. Ħafna minnhom bdew jaqilgħu grazzji kbar bl-interċessjoni tagħha.

Żewġ patrijiet li ħadmu ħafna għall-ħeġġa u t-tixrid tal-fidi lejn il-Madonna tal-Għar kienu Patri Piju D'Amato u Patri Beneditt Bonnici, li flimkien mal-għajnuna tad-devoti, ksew l-għar bl-irħam. Fis-17 ta' Novembru 1901, digriet affilja lis-Santwarju mal-Bażilika Liberjana, magħrufa aktar bl-isem ta' Santa Maria Maggiore. Din l-għażla kienet xierqa, billi kif semmejna, il-festa tal-Madonna tal-Għar kienet tiġi ċċelebrata nhar il-festa tal-Madonna tas-Silġ, meta ssir ukoll il-festa tal-Bażilika msemmija.

**Diffikultajiet li ħassru kollox**

Bit-tħabrik ta' Patri Ġużepp Xuereb, fl-1922, l-Isqof Anġlu Portelli kkonsagra l-artal li hemm fis-Santwarju tal-Madonna u 30 sena wara twittiet it-triq għall-inkurunazzjoni tal-Madonna. L-ewwel ma kellha ssir kien fit-23 ta' Ottubru, 1924, iżda nqalgħu diffikultajiet li ħassru kollox.

Fil-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija, Patri Ġużepp Xuereb reġa' fisser xewqtu lill-Arċisqof Dom Mawru Caruana, li qabel



ferm max-xewqa. Iżda l-Arċisqof laħaq miet. Issa l-inkurunazzjoni kienet imsaħħa minn tliet Kapitli Provinċjali wara xulxin; dak tal-1948, tal-1952 u tal-1956. B'hekk l-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Għar kienet dikjarata u approvata bħala xewqa tal-istess Provinċja Dumnikana.

L-Arċisqof Mikiel Gonzi laqa' t-talba tal-inkurunazzjoni, tal-14 ta' Lulju, 1956 u xahrejn u jumejn wara rċieva digriet mill-Kapitlu Vatikan, biex f'isem il-Papa Piju XII jinkuruna solennement lill-Madonna tal-Għar.

L-aħbar tad-digriet tal-inkurunazzjoni tħabbret lill-komunità tar-Rabat mill-Pirjol Patri Dovik Boffa, u Patri Ġużepp Xuereb xandarha fil-knisja, immedjatament wara l-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju. Id-devoti bdew jattendu minn kull raħal u belt biex iżuru s-Santwarju u jroddu ħajr lill-Madonna għall-grazzja li tathom, li jaraw l-inkurunazzjoni tagħha. Minn dakinhar bdew ikunu organizzati bosta pellegrinaġġi.

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tal-inkurunazzjoni nbdew fit-30 ta' Mejju u ntemmu fid-9 ta' Ġunju, 1957. Fl-ewwel tliett ijiem sar tridu bħala tħejjija għall inkurunazzjoni, li saret fit-2 ta' Ġunju, u mit-3 sad-9 tal-istess xahar kienu ċċelebrati sebat ijiem festi f'ġieħ il-Madonna inkurunata.

**Inkurunazzjoni fil-Katidral**



Fl-aħħar jum tat-tridu, is-Sibt l-1 ta' Ġunju, id-Dumnikani u eluf ta' devoti, ilkoll b'xemgħa tixgħel f'idejhom, ħadu proċessjonalment lix-xbieha tal-Madonna tal-Għar lejn il-Katidral. L-għada l-Ħadd, jum l-inkurunazzjoni, fl-istess post kien ċelebrat pontifikal solenni, bix-xbieha tal-Madonna tal-Għar fuq l-artal maġġur, imdawra b'raġġiera sabiħa tal-fidda, u filgħaxija saret l-inkurunazzjoni tal-Madonna fuq iz-zuntier tal-istess knisja. Iċ-ċelebrazzjonijiet saru mill-Arċisqof Gonzi, megħjun mill-Isqfijiet Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex u Emmanuel Galea, Isqof ta' Tralles u l-kanoniċi tal-Katidral.

Wara l-inkurunazzjoni, ix-xbieha tal-Madonna ttieħdet b'dimostrazzjoni devota lejn il-knisja tad-Dumnikani. Fis-sitt ijiem ta' wara, il-pellegrinaġġi ma qatgħu xejn.

Fost il-pellegrinaġġi li kienu saru qabel u wara l-inkurunazzjoni, kien hemm dak li d-Dumnikani tar-Rabat kienu organizzaw għall-kaċċaturi. Kien pellegrinaġġ xieraq u f'waqtu, li sar fil-25 ta' Mejju, 1957, minħabba r-rabta li dawn għandhom mal-Madonna, li kif jingħad, kienet dehret lil wieħed kaċċatur.

Il-kaċċaturi kollha minn Malta bdew il-pellegrinaġġ fil-5.30 p.m. bl-ilbies tal-kaċċa jew għallinqas biċ-ċinturin, bl-iskratac u bl-ixkubetta. Kienet tassew dehra sabiħa u ta' ferħ tara lill-kaċċaturi għaddejjin mill-istess triq li minnha, mijiet ta' snin qabel, kien għadda l-kaċċatur li ra lill-Madonna fil-għar għaliha.